Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2372

27.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2372

tas-26 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK ([1]).

(2) Fl-20 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2667 (2022), li tneħħi r-rekwiżiti ta' notifika li jinsabu fil-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1807 (2008) tal-KSNU fir-rigward tal-embargo fuq l-armi għal entitajiet mhux governattivi u individwi li joperaw fit-territorju tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2026, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 2825 (2026), li temenda l-kriterji għad-dežinjazzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fil-paragrafi 9 u 11 tar-Riżoluzzjoni 1807 (2008) tal-KSNU.

(4) Hi meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(5) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u ta' kwalunkwe materjal relatat, jew l-għoti ta' assistenza teknika relatata, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra maħsuba biss għall-appoġġ tal-Missjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUSCO) jew għat-Task Force Reġjonali tal-Unjoni Afrikana, jew biex jintużaw minnhom;

(b) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' lbies protettiv, inkluż ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn ir-RDK minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, rappreżentanti tal-media u ħaddiema umanitarji u fil-qasam tal-iżvilupp u persunal assoċjat, għall-użu personali tagħhom biss;

(c) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew taħriġ relatati, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj).

(ii) il-punt (d) huwa mħassar;

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

(2) fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:

"(l) it-tfixkil gravi u intenzjonat tal-implimentazzjoni tal-mandat ta' MANUSCO, inkluż biċ-ċaħda tal-aċċess, ir-restrizzjoni fuq il-libertà tal-moviment jew l-interferenza tal-pattulji u l-attivitajiet ta' monitoraġġ.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON